Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2021/0372(CNS)

26.10.2022

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-istipular ta' arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini (riformulazzjoni)
(COM(2021)0732 – C9-0021/2022 – 2021/0372(CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Domènec Ruiz Devesa

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (it-"Trattat ta' Maastricht") tal-1992 immarka stadju ġdid fil-proċess sabiex tinħoloq unjoni dejjem eqreb bejn il-popli tal-Ewropa. Wieħed mill-inkarigi tiegħu kien li jorganizza, b'mod li juri konsistenza u solidarjetà, ir-relazzjonijiet bejn il-popli tal-Istati Membri. L-objettivi tiegħu kienu jinkludu t-tisħiħ tal-protezzjoni tad-drittijiet u l-interessi taċ-ċittadini tal-Istati Membri tagħha permezz tal-introduzzjoni ta' ċittadinanza tal-Unjoni. Għal dan il-għan, it-Trattat ta' Maastricht introduċa ċittadinanza tal-Unjoni għaċ-ċittadini kollha tal-Istati Membri u abbażi ta' dan ta lil dawn iċ-ċittadini għadd ta' drittijiet.

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) Id-demokrazija hija waħda mill-valuri li fuqha hija bbażata l-Unjoni. Kull ċittadin għandu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. Huwa importanti li jiġi żgurat li ċ-ċittadini mobbli tal-Unjoni jkunu jistgħu jeżerċitaw bis-sħiħ id-drittijiet politiċi tagħhom fil-kuntest tal-elezzjonijiet futuri għall-Parlament Ewropew fejn iċ-ċittadini tal-Unjoni jkunu rappreżentati

	direttament. It-telf ta' drittijiet politiċi miksuba għaċ-ċittadini tal-Unjoni bħala riżultat tal-mobbiltà Ewropea jista' jfixkel il-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għal votanti mobbli. Unjoni dejjem aktar magħquda jeħtieġ li tinvolvi l-konverġenza progressiva tad-drittijiet politiċi fost iċ-ċittadini tal-Unjoni meta dawn jivvutaw u joħorġu bħala kandidati għall-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 1c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1c) Permezz tar-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tat-3 ta' Mejju 2022 dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett, li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill (76/787/KEFA, KEE, Euratom) u l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali anness ma' dik id-Deċiżjoni, il-Parlament Ewropew adotta proposta għal Att Elettorali Ewropew ġdid abbażi tal-Artikolu 223(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jarmonizza aktar is-sistemi elettorali tal-Istati Membri billi jintroduċi elementi li għandhom l-għan li jsaħħu l-leġittimità demokratika u jirriflettu b'mod aktar preċiż il-firxa tar-rwol u l-kompetenzi tal-Parlament Ewropew. Id-dritt taċ-ċittadini mobbli li jivvutaw u joħorġu bħala kandidati jenħtieġ li japplika fil-listi elettorali u fil-kostitwenzi kollha determinati mill-Att, inkluż fil-każ tat-twaqqif ta' kostitwenza madwar l-Unjoni kollha, sabiex jiġi żgurat li jiġi rrispettat il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni.

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-Artikolu 20(2)(b) u l-Artikolu 22(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jikkonferixxu fuq iċ-ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini d-dritt li jivvutaw u li joħorġu bħala kandidati f'elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti. Id-dritt, li huwa affermat ukoll fl-Artikolu 39 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta) jesprimi b'mod speċifiku l-prinċipju tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni minħabba ċittadinanza stabbilit fl-Artikolu 21. Dan isegwi wkoll mid-dritt ta' moviment u ta' residenza libera stabbilit fl-Artikolu 20(2)(a) u fl-Artikolu 21 TFUE u fl-Artikolu 45 tal-Karta.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-arranġamenti dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew huma stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 93/109/KE.	(3) L-arranġamenti dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ***għaċ-ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini*** huma stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 93/109/KE. ***Dawn id-dispożizzjonijiet jenħtieġ li jkunu f'konformità mal-Artikolu 223(1) TFUE u d-dispożizzjonijiet fis-seħħ għall-***

	implimentazzjoni tiegħu. Jenħtieġ li tali arranġamenti ma jaffettwawx id-dispożizzjonijiet ta' kull Stat Membru dwar id-dritt tal-vot jew tal-kandidatura taċ-ċittadini tiegħu li jirrisjedu barra mit-territorju elettorali tiegħu u ta' ċerti persuni li għandhom rabtiet mill-qrib ma' dan l-Istat Membru, għajr iċ-ċittadini tiegħu stess jew iċ-ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu f'dan l-Istat Membru.

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Fir-Rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE 2020[24], il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa li jiġu aġġornati, iċċarati u msaħħa r-regoli dwar l-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew sabiex jiġi żgurat li jappoġġaw il-parteċipazzjoni wiesgħa u inklużiva taċ-ċittadini ***mobbli tal-UE***. Waqt li titqies ukoll l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/109/KE għal elezzjonijiet suċċessivi u l-bidliet introdotti bl-emendi għat-Trattati, jenħtieġ li diversi mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva jiġu aġġornati.	(4) Fir-Rapport ***tagħha*** dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE 2020[24], il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa li jiġu aġġornati, iċċarati u msaħħa r-regoli dwar l-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew sabiex jiġi żgurat li jappoġġaw il-parteċipazzjoni wiesgħa u inklużiva taċ-ċittadini ***tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini***. Waqt li titqies ukoll l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/109/KE għal elezzjonijiet suċċessivi u l-bidliet introdotti bl-emendi għat-Trattati, jenħtieġ li diversi mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva jiġu aġġornati.
[24] https://ec.europa.eu/info/files/eu-citizenship-report-2020-empowering-citizens-and-protecting-their-rights_mt	[24] https://ec.europa.eu/info/files/eu-citizenship-report-2020-empowering-citizens-and-protecting-their-rights_mt

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) L-Artikolu 20(2) TFUE huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 223(1) TFUE , li ***jipprovdi għat-twaqqif*** ta' proċedura uniformi fl-Istati Membri kollha f'konformità mal-prinċipji komuni għall-Istati Membri kollha ***għal dawn l-elezzjonijiet***.	(5) L-Artikolu 20 (2) TFUE huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 223(1) TFUE, li ***jipprevedi t-twaqqif*** ta' proċedura uniformi ***għall-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew*** fl-Istati Membri kollha f'konformità mal-prinċipji komuni għall-Istati Membri kollha.

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini tal-Unjoni li jirresjedu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini ("ċittadini tal-Unjoni mhux ċittadini tal-Istat Membru") ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk taċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti tagħhom, il-kundizzjonijiet li jirregolaw ir-reġistrazzjoni u l-parteċipazzjoni f'tali elezzjonijiet ***għandhom*** jiġu ċċarati biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini tal-Unjoni li ma jkunux ċittadini ta' dak l-Istat Membru jiġu ttrattati daqs dawk li huma ċittadini tiegħu. B'mod partikolari, iċ-ċittadini tal-Unjoni li jfittxu li jivvutaw u li joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom jenħtieġ li jiġu ttrattati b'mod ugwali fir-rigward ta' kwalunkwe perjodu ta' residenza li jrid jiġi ssodisfat bħala kundizzjoni għall-eżerċizzju tad-dritt, kif ukoll il-provi biex tintwera l-konformità ma' tali kundizzjoni.	(6) Sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini tal-Unjoni li jirresjedu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini ("ċittadini tal-Unjoni mhux ċittadini tal-Istat Membru") ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk taċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti tagħhom, il-kundizzjonijiet li jirregolaw ir-reġistrazzjoni u l-parteċipazzjoni f'tali elezzjonijiet ***jenħtieġ li*** jiġu ċċarati biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini tal-Unjoni li ma jkunux ċittadini ta' dak l-Istat Membru jiġu ttrattati daqs dawk li huma ċittadini tiegħu. B'mod partikolari, iċ-ċittadini tal-Unjoni li jfittxu li jivvutaw u li joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom jenħtieġ li jiġu ttrattati b'mod ugwali ***bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru*** fir-rigward ta' kwalunkwe perjodu ta' residenza li jrid jiġi ssodisfat bħala kundizzjoni għall-eżerċizzju tad-dritt, kif ukoll il-provi biex tintwera l-konformità ma' tali kundizzjoni.

Emenda 9

Proposta għal direttiva

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-libertà taċ-ċittadini tal-Unjoni li jagħżlu f'liema Stat Membru jridu jipparteċipaw fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għandha tiġi rispettata, filwaqt li jittieħdu l-miżuri xierqa biex ikun żgurat li ħadd ma jkun jista' jivvota aktar minn darba jew li joħorġu għall-elezzjoni f'iktar minn pajjiż wieħed;	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) B'mod konformi mal-istandards internazzjonali u Ewropej, inklużi r-rekwiżiti tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi ***u l-liġi*** tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, jenħtieġ li l-Istati Membri mhux biss jirrikonoxxu u jirrispettaw id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni li jivvutaw u joħorġu bħala ***kandidat*** imma li jiżguraw ukoll aċċess faċli għad-drittijiet elettorali tagħhom billi jneħħu ***kemm jista' jkun ostakoli*** għall-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet.	(8) B'mod konformi mal-istandards internazzjonali u Ewropej, inklużi r-rekwiżiti tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi***, il-liġi*** tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ***u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità***, jenħtieġ li l-Istati Membri mhux biss jirrikonoxxu u jirrispettaw id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni li jivvutaw u joħorġu bħala ***kandidati*** imma li jiżguraw ukoll aċċess faċli għad-drittijiet elettorali tagħhom billi jneħħu ***l-ostakoli kollha*** għall-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet.

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Sabiex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju miċ-ċittadini tal-Unjoni tad-dritt tagħhom li jivvutaw u li joħorġu bħala kandidati fil-pajjiż ta' residenza tagħhom, ***dawn iċ-***	(9) Sabiex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju miċ-ċittadini tal-Unjoni ***mhux ċittadini tal-Istat Membru*** tad-dritt tagħhom li jivvutaw u li joħorġu bħala kandidati fil-pajjiż ta'

ċittadini għandhom jiddaħħlu fir-reġistru elettorali fi żmien biżżejjed minn qabel il-jum tal-votazzjoni. Il-formalitajiet applikabbli għar-reġistrazzjoni ***għandhom ikunu*** kemm jista' jkun sempliċi. ***Għandu*** jkun biżżejjed għaċ-ċittadini tal-Unjoni kkonċernati li jipproduċu karta tal-identità valida u dikjarazzjoni formali li tinkludi elementi li jixhdu l-intitolament tagħhom li jipparteċipaw fl-elezzjonijiet. Ladarba jkunu rreġistrati, ***iċ-ċittadini*** tal-Unjoni mhux ċittadini tal-Istat Membru ***għandhom*** jibqgħu fuq ir-reġistru elettorali bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini tal-Unjoni li huma ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat, sakemm jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot. Addizzjonalment, ***iċ-ċittadini*** tal-Unjoni ***għandhom*** jipprovdu informazzjoni ta' kuntatt lill-awtoritajiet kompetenti biex dawn l-awtoritajiet ikunu jistgħu jżommuhom aġġornati fuq bażi regolari.

residenza tagħhom, ***jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu sforz sabiex tkun disponibbli reġistrazzjoni awtomatika bħala votant, wara li ċ-ċittadini tal-Unjoni jkunu esprimew ix-xewqa li jivvutaw fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom. Fejn ma tkunx intużat reġistrazzjoni awtomatika, jenħtieġ li ċ-ċittadini li mhumiex ċittadini tal-Unjoni*** jiddaħħlu fir-reġistru elettorali fi żmien biżżejjed minn qabel il-jum tal-votazzjoni. Il-formalitajiet applikabbli għar-reġistrazzjoni ***tagħhom jenħtieġ li jkunu*** kemm jista' jkun sempliċi ***u simili fl-Istati Membri kollha***. ***Jenħtieġ li*** jkun biżżejjed għaċ-ċittadini tal-Unjoni kkonċernati li jipproduċu karta tal-identità valida u dikjarazzjoni formali li tinkludi elementi li jixhdu l-intitolament tagħhom li jipparteċipaw fl-elezzjonijiet. Ladarba jkunu rreġistrati, ***jenħtieġ li ċ-ċittadini*** tal-Unjoni mhux ċittadini tal-Istat Membru jibqgħu fuq ir-reġistru elettorali bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini tal-Unjoni li huma ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat, sakemm jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot. Addizzjonalment, ***jenħtieġ li ċ-ċittadini*** tal-Unjoni jipprovdu informazzjoni ta' kuntatt lill-awtoritajiet kompetenti biex dawn l-awtoritajiet ikunu jistgħu jżommuhom aġġornati fuq bażi regolari.

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali ta' ċittadini tal-Unjoni mhux ċittadini tal-Istat Membru li jixtiequ jeżerċitaw id-dritt li joħorġu bħala kandidati għall-elezzjoni fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom, dawn iċ-ċittadini ***għandhom ikunu*** meħtieġa jippreżentaw l-istess dokumenti	(11) Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali ta' ċittadini tal-Unjoni mhux ċittadini tal-Istat Membru li jixtiequ jeżerċitaw id-dritt li joħorġu bħala kandidati għall-elezzjoni fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom, ***jenħtieġ li*** dawn iċ-ċittadini ***jkunu*** meħtieġa jippreżentaw l-istess dokumenti

ġustifikattivi bħal dawk meħtieġa minn kandidati li huma ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, ***sabiex*** jistabbilixxu li dawn iċ-ċittadini jkunu benefiċjarji tad-dritt stipulat fl-Artikolu 20(2)(b) u fl-Artikolu 22(2) TFUE, l-Istati Membri ***għandhom ikunu*** jistgħu jirrikjedu l-produzzjoni ta' dikjarazzjoni formali li tinkludi l-elementi meħtieġa biex jixhdu l-intitolament tagħhom ta' kandidatura fl-elezzjonijiet inkwistjoni.

ġustifikattivi bħal dawk meħtieġa minn kandidati li huma ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, ***l-Istati Membri għandhom interess ġenwin li*** jistabbilixxu li dawn iċ-ċittadini jkunu benefiċjarji tad-dritt stipulat fl-Artikolu 20(2)(b) u l-Artikolu 22(2) TFUE***.*** ***Għal din ir-raġuni***, ***jenħtieġ li*** l-Istati Membri***, b'mod straordinarju,*** ikunu jistgħu jirrikjedu l-produzzjoni ta' dikjarazzjoni formali li tinkludi elementi meħtieġa biex jixhdu l-intitolament tagħhom ta' kandidatura fl-elezzjonijiet inkwistjoni.

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Sabiex iċ-ċittadini Ewropej li jirrisjedu fi Stat Membru li mhumiex ċittadini tiegħu jkunu eliġibbli fil-prattika għall-elezzjoni għall-Parlament Ewropew, jenħtieġ li l-partiti politiċi nazzjonali jkunu mħeġġa ma jagħmlux is-sħubija kondizzjonali għall-fatt li jkollhom in-nazzjonalità tal-Istat Membru tal-elezzjoni.

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex tkun iffaċilitata l-identifikazzjoni akkurata tal-votanti u tal-kandidati rreġistrati kemm fl-Istat Membru domiċiljari kif ukoll fl-Istat Membru ta' residenza, il-lista tad-data li għandha tkun meħtieġa miċ-ċittadini tal-Unjoni, meta jibagħtu ***applikazzjoni*** biex jiddaħħlu fir-reġistru elettorali jew biex joħorġu bħala	(12) Sabiex tkun iffaċilitata l-identifikazzjoni akkurata tal-votanti u tal-kandidati rreġistrati kemm fl-Istat Membru domiċiljari kif ukoll fl-Istat Membru ta' residenza, il-lista tad-data li għandha tkun meħtieġa miċ-ċittadini tal-Unjoni, meta ***jkunu reġistrati awtomatikament jew meta*** jibagħtu ***d-dikjarazzjoni formali tal-***

kandidati fl-Istat Membru ta' residenza, ***għandha*** tinkludi n-numru tal-identifikazzjoni personali jew in-numru tas-serje ta' dokument validu tal-identità jew tal-ivvjaġġar.	***intenzjoni tagħhom*** biex jiddaħħlu fir-reġistru elettorali jew biex joħorġu bħala kandidati fl-Istat Membru ta' residenza, ***jenħtieġ li*** tinkludi n-numru tal-identifikazzjoni personali jew in-numru tas-serje ta' dokument validu tal-identità jew tal-ivvjaġġar.

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Iċ-ċittadini tal-Unjoni li ġew imċaħħda mid-dritt tagħhom li jivvutaw u li joħorġu bħala kandidati, fuq il-bażi ta' deċiżjoni individwali tal-liġi kriminali jew tal-liġi ċivili meħuda mill-awtorità kompetenti, ***ma għandhomx jitħallew*** jeżerċitaw dan id-dritt fl-Istat Membru ta' residenza fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. Meta jirċievu applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala votant, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu mingħand iċ-ċittadin ikkonċernat dikjarazzjoni formali li tikkonferma li ma ġiex imċaħħad mid-dritt tal-vot tiegħu. Meta ***joħorġu bħala kandidati fil-pajjiż ta' residenza tagħhom, iċ-ċittadini*** tal-Unjoni ***għandhom jintalbu jipproduċu*** dikjarazzjoni li tikkonferma li ma ***ġewx imċaħħda*** mid-dritt li ***joħorġu*** għall-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.	(13) Iċ-ċittadini tal-Unjoni li ġew imċaħħda mid-dritt tagħhom li jivvutaw u li joħorġu bħala kandidati, fuq il-bażi ta' deċiżjoni individwali tal-liġi kriminali jew tal-liġi ċivili meħuda mill-awtorità kompetenti, ***jenħtieġ li ma jitħallewx*** jeżerċitaw dan id-dritt fl-Istat Membru ta' residenza fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. ***Mar-reġistrazzjoni awtomatika jew*** meta jirċievu applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala votant, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu mingħand iċ-ċittadin ikkonċernat dikjarazzjoni formali li tikkonferma li ma ġiex imċaħħad mid-dritt tal-vot tiegħu. Meta ***jirċievu applikazzjoni għall-kandidatura***, ***l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li ċ-ċittadin*** tal-Unjoni ***kkonċernat jipproduċi*** dikjarazzjoni li tikkonferma li ma ***ġiex imċaħħad*** mid-dritt li ***joħroġ*** għall-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. ***Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti japplikaw biss meta jkunu applikabbli wkoll għaċ-ċittadini tal-Istat Membru ta' residenza.***

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(16) Għall-prevenzjoni ta' votazzjoni multipla jew istanzi fejn l-istess persuna toħroġ bħala kandidat aktar minn darba fl-istess elezzjonijiet, l-Istati Membri ***għandhom*** jiskambjaw informazzjoni miġbura mid-dikjarazzjonijiet formali prodotti mill-votanti tal-Unjoni u miċ-ċittadini tal-Unjoni intitolati li joħorġu bħala kandidati. Peress li l-Istati Membri jiddependu fuq data differenti biex jidentifikaw iċ-ċittadini, ***għandha*** tkun prevista ġabra komuni ta' data biex il-votanti tal-Unjoni u ċ-ċittadini tal-Unjoni intitolati li joħorġu bħala kandidati jiġu identifikati b'mod preċiż u biex jitwaqqfu milli jivvutaw jew joħorġu bħala kandidati aktar minn darba. ***Id-data*** personali skambjata ***għandha*** tkun limitata għall-minimu meħtieġ biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

(16) Għall-prevenzjoni ta' votazzjoni multipla jew istanzi fejn l-istess persuna toħroġ bħala kandidat aktar minn darba fl-istess elezzjonijiet, l-Istati Membri ***jeħtieġ li jikkoordinaw is-sistemi amministrattivi tagħhom b'mod koerenti. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu obbligati*** jiskambjaw informazzjoni miġbura mid-dikjarazzjonijiet formali prodotti mill-votanti tal-Unjoni ***mhux ċittadini tal-Istat Membru*** u miċ-ċittadini tal-Unjoni intitolati li joħorġu bħala kandidati ***fi Stat Membru ta' residenza***. Peress li l-Istati Membri jiddependu fuq data differenti biex jidentifikaw iċ-ċittadini, ***jenħtieġ li*** tkun prevista ġabra komuni ta' data biex il-votanti tal-Unjoni u ċ-ċittadini tal-Unjoni intitolati li joħorġu bħala kandidati jiġu identifikati b'mod preċiż u biex jitwaqqfu milli jivvutaw jew joħorġu bħala kandidati aktar minn darba. ***Jenħtieġ li d-data*** personali skambjata tkun limitata għall-minimu meħtieġ biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) L-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri għall-prevenzjoni ta' votazzjoni multipla jew każijiet fejn l-istess persuna toħroġ bħala kandidat aktar minn darba fl-istess elezzjoni, ma ***għandux jimpedixxi*** liċ-ċittadini tagħhom milli jivvutaw jew joħorġu bħala kandidati f'tipi oħra ta' elezzjonijiet. Biex jiffaċilitaw il-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali, l-Istati Membri ***għandhom*** jintalbu jaħtru ***punt*** ta' kuntatt ***wieħed*** għal dak l-iskambju ta' informazzjoni. Fil-passat il-Kummissjoni żviluppat għodda sigura biex tintuża mill-Istati Membri taħt ir-responsabbiltà tagħhom biex jiskambjaw id-data meħtieġa. Dik l-għodda sigura	(17) L-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri għall-prevenzjoni ta' votazzjoni multipla jew każijiet fejn l-istess persuna toħroġ bħala kandidat aktar minn darba fl-istess elezzjoni, ***jenħtieġ li*** ma ***jimpedix*** liċ-ċittadini tagħhom milli jivvutaw jew joħorġu bħala kandidati f'tipi oħra ta' elezzjonijiet. Biex jiffaċilitaw il-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali, ***jenħtieġ li*** l-Istati Membri jintalbu jaħtru ***awtorità*** ta' kuntatt ***waħda*** għal dak l-iskambju ta' informazzjoni. Fil-passat il-Kummissjoni żviluppat għodda sigura biex tintuża mill-Istati Membri taħt ir-responsabbiltà tagħhom biex jiskambjaw id-data meħtieġa. ***Jenħtieġ li*** dik l-għodda

għandha tiġi inkorporata f'din id-Direttiva, biex tkompli tappoġġa l-iskambji bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. L-Istati Membri se jaġixxu bħala kontrolluri separati għall-ipproċessar tagħhom ta' data personali f'dan ir-rigward.

sigura tiġi inkorporata f'din id-Direttiva, biex tkompli tappoġġa l-iskambji bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. L-Istati Membri se jaġixxu bħala kontrolluri separati għall-ipproċessar tagħhom ta' data personali f'dan ir-rigward.

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) In-nuqqas ta' informazzjoni adegwata, fil-kuntest tal-proċeduri elettorali, jaffettwa liċ-ċittadini fl-eżerċizzju tad-drittijiet elettorali tagħhom bħala parti mid-drittijiet ta' ċittadini tal-Unjoni. Jaffettwa wkoll il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u li jwettqu l-obbligi tagħhom. L-Istati Membri ***għandhom*** jintalbu jaħtru awtoritajiet b'responsabbiltajiet speċjali biex jipprovdu informazzjoni xierqa liċ-ċittadini tal-Unjoni dwar id-drittijiet tagħhom skont l-Artikolu 20(2)(b) u l-Artikolu 22(2) TFUE u r-regoli u l-proċeduri nazzjonali rigward il-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u l-organizzazzjoni tagħhom. Sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-komunikazzjonijiet, l-informazzjoni ***għandha*** tiġi pprovduta f'termini ċari u li jinftiehmu sew.	(20) In-nuqqas ta' informazzjoni adegwata, fil-kuntest tal-proċeduri elettorali, jaffettwa liċ-ċittadini fl-eżerċizzju tad-drittijiet elettorali tagħhom bħala parti mid-drittijiet ta' ċittadini tal-Unjoni. Jaffettwa wkoll il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u li jwettqu l-obbligi tagħhom. ***Jenħtieġ li*** l-Istati Membri jintalbu jaħtru awtoritajiet b'responsabbiltajiet speċjali biex jipprovdu informazzjoni xierqa liċ-ċittadini tal-Unjoni dwar id-drittijiet tagħhom skont l-Artikolu 20(2)(b) u l-Artikolu 22(2) TFUE u r-regoli u l-proċeduri nazzjonali rigward il-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u l-organizzazzjoni tagħhom. ***Jenħtieġ li tali awtoritajiet jikkoordinaw kampanji ta' informazzjoni flimkien mal-awtoritajiet lokali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kull meta jkun possibbli.*** Sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-komunikazzjonijiet, ***jenħtieġ li*** l-informazzjoni tiġi pprovduta f'termini ċari u li jinftiehmu sew***, idealment mingħajr ma jinqabeż livell ta' kumplessità ogħla mil-livell B1 (intermedju) tal-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi tal-Kunsill tal-Ewropa***. ***Jenħtieġ li l-informazzjoni tiġi pprovduta fil-ħin, filwaqt li jitqies li r-reġistri elettorali għandhom jingħalqu 14-il ġimgħa u l-kandidati għandhom jitħabbru 12-il ġimgħa qabel il-jum tal-***

	votazzjoni sabiex l-Istati Membri jiskambjaw informazzjoni skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1).

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Sabiex tittejjeb l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni elettorali, din l-informazzjoni ***għandha*** tkun disponibbli ***f'mill-inqas lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni għajr dik tal-Istat Membru ospitanti, li tkun ġeneralment mifhuma mill-akbar għadd ta' ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fit-territorju tiegħu. L-Istati Membri jistgħu jużaw lingwi*** uffiċjali ***differenti*** tal-Unjoni ***f'partijiet speċifiċi tat-territorju tagħhom jew tar-reġjuni tagħhom skont il-lingwa li tinftiehem mill-akbar grupp ta' ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu hemm***.	(21) Sabiex tittejjeb l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni elettorali, ***jenħtieġ li*** din l-informazzjoni tkun disponibbli ***bil-lingwi*** uffiċjali ***kollha*** tal-Unjoni.

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Kull deroga mir-regoli ġenerali ta' din id-Direttiva għandha tkun ġustifikata skont l-Artikolu 22(2) TFUE minn problemi speċifiċi għal xi Stat Membru u għandha tkun konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 52 tal-Karta, inkluż li kwalunkwe limitazzjoni għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew trid tkun prevista bil-liġi u tkun soġġetta għall-prinċipji tal-proporzjonalità u tan-neċessità. Barra minn hekk, kull deroga għandha tkun suġġetta għal rieżami kif previst fl-	***imħassar***

Artikolu 47 tal-Karta.

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Dawn il-problemi speċifiċi jistgħu jinħolqu fi Stat Membru li fih il-proporzjon taċ-ċittadini tal-Unjoni f'età tal-vot, li joqogħdu hemm imma mhumiex ċittadini, ikun 'il fuq sewwa mill-medja. Id-derogi rigward id-dritt tal-vot għandhom ikunu ġustifikati fejn dawn iċ-ċittadini jammontaw għal iktar minn 20 % tal-elettorat kollu fuq il-kriterju tal-perjodu taż-żmien tar-residenza;	***imħassar***

Emenda 22

Proposta għal direttiva
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) L-Istati Membri li fihom il-proporzjon taċ-ċittadini tal-Unjoni li mhumiex ċittadini tal-Istat Membru f'età tal-vot jaqbeż l-20 % tan-numru totali taċ-ċittadini tal-Unjoni f'età tal-vot li joqogħdu hemm għandu jkollhom il-possibbiltà li jistipulaw, f'konformità mal-Artikolu 22(2) TFUE, dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kompożizzjoni tal-lista tal-kandidati.	***imħassar***

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Id-data dwar l-eżerċizzju tad-	(26) Id-data dwar l-eżerċizzju tad-

drittijiet u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva tista' tkun utli fl-identifikazzjoni tal-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet elettorali taċ-ċittadini tal-Unjoni. Sabiex jitjieb il-ġbir tad-data għall-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew huwa meħtieġ li jiġu introdotti monitoraġġ u rappurtar regolari tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri. B'mod parallel ***il-Kummissjoni għandha*** tivvaluta l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u tippreżenta rapport li jinkludi tali valutazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, wara kull elezzjoni għall-Parlament Ewropew.

drittijiet u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva tista' tkun utli fl-identifikazzjoni tal-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet elettorali taċ-ċittadini tal-Unjoni. Sabiex jitjieb ***u jkun armonizzat*** il-ġbir tad-data għall-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew huwa meħtieġ li jiġu introdotti monitoraġġ u rappurtar regolari tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri***. Jenħtieġ li tali data tinġabar b'mod trasparenti u kkoordinat fl-Istati Membri kollha u abbażi ta' indikaturi komuni***. B'mod parallel ***jenħtieġ li l-Kummissjoni*** tivvaluta l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u tippreżenta rapport li jinkludi tali valutazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, wara kull elezzjoni għall-Parlament Ewropew.

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Huwa meħtieġ li l-Kummissjoni twettaq l-evalwazzjoni tagħha stess tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fi żmien raġonevoli wara ***mill-inqas żewġ elezzjonijiet*** għall-Parlament Ewropew.	(27) Huwa meħtieġ li l-Kummissjoni twettaq l-evalwazzjoni tagħha stess tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fi żmien raġonevoli wara ***kull elezzjoni*** għall-Parlament Ewropew***, akkumpanjata, jekk ikun xieraq, minn proposta leġiżlattiva biex temenda din id-Direttiva***.

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) L-Istati Membri, bir-ratifika, u l-Unjoni, bil-konklużjoni[27], tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà impenjaw ruħhom li jiżguraw il-konformità mal-Konvenzjoni.	(29) L-Istati Membri, bir-ratifika, u l-Unjoni, bil-konklużjoni[27], tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà impenjaw ruħhom li jiżguraw il-konformità mal-Konvenzjoni.

Insostenn tal-parteċipazzjoni elettorali inklużiva u ugwali għall-persuni b'diżabbiltà, l-arranġamenti għaċ-ċittadini tal-Unjoni li jgħixu fi Stat Membru li tiegħu mhumiex ċittadini biex jeżerċitaw id-dritt tal-vot u li joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew ***għandhom*** iqisu kif xieraq l-eżiġenzi taċ-ċittadini b'diżabbiltà u anzjani.	***Sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni*** elettorali inklużiva u ugwali għall-persuni b'diżabbiltà, ***jenħtieġ li*** l-arranġamenti għaċ-ċittadini tal-Unjoni li jgħixu fi Stat Membru li tiegħu mhumiex ċittadini biex jeżerċitaw id-dritt tal-vot u li joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew iqisu kif xieraq l-eżiġenzi ***speċifiċi*** taċ-ċittadini b'diżabbiltà u anzjani. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-persuni b'diżabbiltà jirċievu, fuq talba tagħhom, assistenza fil-votazzjoni minn persuna tal-għażla tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu l-possibbiltà ta' votazzjoni bil-posta u jistgħu jipprovdu votazzjoni fiżika minn qabel.***
[27] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà (ĠU L 23, 27.1.2010, p. 35).	[27] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà (ĠU L 23, 27.1.2010, p. 35).

Emenda 26

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri kollha għandhom jagħmlu sforz biex jintroduċu r-reġistrazzjoni awtomatika tal-votanti tal-Unjoni mhux ċittadini tal-Istat Membru malli jirċievu l-kunsens taċ-ċittadini tal-Unjoni kkonċernati fil-mument tar-reġistrazzjoni bħala residenti fl-Istat Membru ta' residenza. Il-votanti tal-Unjoni mhux ċittadini tal-Istat Membru li jkunu għażlu li ma jipparteċipawx fir-reġistrazzjoni awtomatika għandhom jiġu mistiedna jirreġistraw bħala votanti ferm qabel il-perjodu tal-elezzjoni.

Emenda 27

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk, sabiex jivvotaw jew biex joħorġu bħala kandidati, iċ-ċittadini tal-Istat Membru ta' residenza jkunu qattgħu ċertu perjodu minimu taż-żmien bħala residenti fit-territorju elettorali ta' dan l-Istat, il-votanti u ċ-ċittadini tal-Unjoni li għandhom dritt li joħorġu bħala kandidati għandhom jitqiesu li ssodisfaw din il-kundizzjoni fejn ikunu għexu għal perjodu ekwivalenti fi Stati Membri oħra. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika mingħajr preġudizzju għal xi kundizzjonijiet speċifiċi fuq it-tul tar-residenza f'xi kostitwenza jew lokalità partikolari.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Emenda 28

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini u li, b'deċiżjoni ġudizzjarja individwali jew b'deċiżjoni amministrattiva, ***sakemm*** din tal-aħħar tista' tkun soġġetta għal rimedji ġudizzjarji, ikunu ġew imċaħħda d-dritt tal-kandidatura skont il-liġi tal-Istat Membru ta' residenza jew il-liġi tal-Istat Membru domiċiljari tagħhom, ma għandhomx jitħallew jeżerċitaw dak id-dritt fl-Istat Membru ta' residenza fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.	1. Iċ-ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini u li, b'deċiżjoni ġudizzjarja individwali jew b'deċiżjoni amministrattiva, ***dment li*** din tal-aħħar tista' tkun soġġetta għal rimedji ġudizzjarji, ikunu ġew imċaħħda d-dritt tal-kandidatura skont il-liġi tal-Istat Membru ta' residenza jew il-liġi tal-Istat Membru domiċiljari tagħhom, ma għandhomx jitħallew jeżerċitaw dak id-dritt fl-Istat Membru ta' residenza fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. ***Madankollu, id-deċiżjonijiet dwar iċ-ċaħda tal-kapaċità legali minħabba diżabbiltà meħuda mill-Istat Membru ta' oriġini ma għandhomx jagħmlu liċ-ċittadini tal-Unjoni ineliġibbli milli jikkontestaw bħala kandidati fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom jekk***

	il-liġi ta' dak l-Istat Membru tiddefendi dak id-dritt lill-persuni kollha b'diżabbiltà mingħajr restrizzjonijiet.

Emenda 29

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jaħtru ***punt*** ta' kuntatt biex ***jirċievi*** u ***jibgħat*** l-informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni tal-paragrafu 3. Huma għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-isem u d-dettalji ta' kuntatt ***tal-punt*** ta' kuntatt u kwalunkwe informazzjoni aġġornata jew bidliet li jirrigwardawha. Il-Kummissjoni għandha żżomm lista ta' ***punti*** ta' kuntatt u tagħmilha disponibbli għall-Istati Membri.	5. L-Istati Membri għandhom jaħtru ***awtorità*** ta' kuntatt biex ***tirċievi*** u ***tibgħat*** l-informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni tal-paragrafu 3. Huma għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-isem u d-dettalji ***tal-awtorità*** ta' kuntatt ta' kuntatt u kwalunkwe informazzjoni aġġornata jew bidliet li jirrigwardawha. Il-Kummissjoni għandha żżomm lista ta' ***awtoritajiet*** ta' kuntatt u tagħmilha disponibbli għall-Istati Membri.

Emenda 30

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istat Membru ta' residenza jista' jagħmel stħarriġ fuq jekk iċ-ċittadini tal-Unjoni li wrew ix-xewqa li jeżerċitaw id-dritt tagħhom tal-vot f'dan l-Istat Membru kinux miċħuda minn dan id-dritt fl-Istat Membru domiċiljari minħabba xi deċiżjoni individwali tal-liġi ċivili jew tal-liġi kriminali.	1. L-Istat Membru ta' residenza jista' jagħmel stħarriġ fuq jekk iċ-ċittadini tal-Unjoni li wrew ix-xewqa li jeżerċitaw id-dritt tagħhom tal-vot f'dan l-Istat Membru kinux miċħuda minn dan id-dritt fl-Istat Membru domiċiljari minħabba xi deċiżjoni individwali tal-liġi ċivili jew tal-liġi kriminali. ***Madankollu, id-deċiżjonijiet dwar iċ-ċaħda tal-kapaċità legali minħabba diżabbiltà meħuda mill-Istat Membru ta' oriġini ma għandhomx jiskwalifikaw liċ-ċittadini tal-Unjoni milli jivvotaw fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom jekk il-liġi ta' dak l-Istat Membru tiddefendi dak id-dritt lill-persuni kollha b'diżabbiltà mingħajr***

restrizzjonijiet.

Emenda 31

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex votant tal-Unjoni li wera x-xewqa li jiġi rreġistrat bħala votant jiddaħħal fir-reġistru elettorali ***fiż-żmien li hemm bżonn*** qabel il-jum tal-votazzjoni.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex votant tal-Unjoni li ***jkun*** wera x-xewqa li jiġi rreġistrat bħala votant jiddaħħal fir-reġistru elettorali ***mhux aktar tard minn 14-il ġimgħa*** qabel il-jum tal-votazzjoni ***sabiex l-Istati Membri jiskambjaw informazzjoni biex jipprevjenu votazzjoni multipla f'waqtha, f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1)***.

Emenda 32

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jistqarru fid-dikjarazzjoni tagħhom , skont il-paragrafu 2, li ma ġewx imċaħħda mid-dritt tal-vot fl-Istat Membru domiċiljari tagħhom;	(a) jistqarru fid-dikjarazzjoni tagħhom, skont il-paragrafu 2, li ma ġewx imċaħħda mid-dritt tal-vot fl-Istat Membru domiċiljari tagħhom, ***jekk tali rekwiżit huwa meħtieġ ukoll għaċ-ċittadini tal-Istat Membru ta' residenza***;

Emenda 33

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jekk jixtiequ, jindikaw preferenzi lingwistiċi fost il-lingwi uffiċjali tal-Unjoni li bihom ikunu jixtiequ jirċievu l-informazzjoni msemmija fl-

Artikolu 12(2).

Emenda 34

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-votanti tal-Unjoni jibqgħu mniżżla fir-reġistru elettorali bl-istess kundizzjonijiet tal-votanti li huma ċittadini sakemm jitolbu huma li jitneħħew jew sakemm jitneħħew għax ma jibqgħux jissodisfaw il-ħtiġijiet għad-dritt tal-vot. Jekk ikunu jeżistu dispożizzjonijiet biex iċ-ċittadini jiġu notifikati dwar tali tneħħija mir-reġistru elettorali, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw għall-votanti tal-Unjoni bl-istess mod.	4. Il-votanti tal-Unjoni jibqgħu mniżżla fir-reġistru elettorali bl-istess kundizzjonijiet tal-votanti li huma ċittadini sakemm jitolbu huma li jitneħħew jew sakemm jitneħħew għax ma jibqgħux jissodisfaw il-ħtiġijiet għad-dritt tal-vot. Jekk ikunu jeżistu dispożizzjonijiet ***fl-Istat Membru ta' residenza*** biex iċ-ċittadini jiġu notifikati dwar tali tneħħija mir-reġistru elettorali, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw għall-votanti tal-Unjoni bl-istess mod***, u n-notifiki għandhom jiġu pprovduti b'lingwa uffiċjali tal-Unjoni li tinftiehem mill-votanti tal-Unjoni inkwistjoni***.

Emenda 35

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istat Membru ta' residenza għandu jgħarraf lill-persuni kkonċernati ***fil-ħin*** u b'lingwa ***ċara u faċli*** dwar id-deċiżjoni li ***ttieħdet*** fuq l-applikazzjoni tagħhom biex jiddaħħlu fir-reġistru elettorali, jew bid-deċiżjoni fuq l-ammissibbiltà tal-applikazzjoni tagħhom biex joħorġu bħala kandidati.	1. L-Istat Membru ta' residenza għandu jgħarraf lill-persuni kkonċernati ***b'mod ċar*** u ***f'waqtu,*** b'lingwa ***uffiċjali tal-Unjoni li tinftiehem minnhom,*** dwar id-deċiżjoni li ***tkun ittieħdet*** fuq ***ir-reġistrazzjoni awtomatika jew*** l-applikazzjoni tagħhom biex jiddaħħlu fir-reġistru elettorali, jew bid-deċiżjoni fuq l-ammissibbiltà tal-applikazzjoni tagħhom biex joħorġu bħala kandidati.

Emenda 36

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fil-każ ta' żbalji fir-reġistri elettorali jew fil-listi tal-kandidati għall-Parlament Ewropew, il-persuna kkonċernata għandha tkun intitolata għal rimedji legali b'termini simili għal dawk li l-liġijiet tal-Istat Membru ta' residenza jippreskrivu liċ-ċittadini tiegħu li huma votanti u li huma intitolati joħorġu bħala kandidati.	3. Fil-każ ta' żbalji fir-reġistri elettorali jew fil-listi tal-kandidati għall-Parlament Ewropew, il-persuna kkonċernata għandha tkun intitolata għal rimedji legali ***effettivi*** b'termini simili għal dawk li l-liġijiet tal-Istat Membru ta' residenza jippreskrivu liċ-ċittadini tiegħu li huma votanti u li huma intitolati joħorġu bħala kandidati.

Emenda 37

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw b'mod ċar u f'waqtu lill-persuna kkonċernata bid-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 u bir-rimedji legali msemmija fil-paragrafi 2 u 3.	4. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw b'mod ċar u f'waqtu lill-persuna kkonċernata bid-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 u bir-rimedji legali msemmija fil-paragrafi 2 u 3***, b'lingwa uffiċjali tal-Unjoni li tinftiehem minnu jew minnha***.

Emenda 38

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità ***nazzjonali*** bir-responsabbiltà li tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li ċ-ċittadini tal-Unjoni mhux ċittadini tal-Istat Membru jiġu infurmati fil-ħin dwar il-kundizzjonijiet u r-regoli dettaljati għar-reġistrazzjoni bħala votanti jew kandidati fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.	1. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità ***kompetenti*** bir-responsabbiltà li tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li ċ-ċittadini tal-Unjoni mhux ċittadini tal-Istat Membru jiġu infurmati fil-ħin dwar il-kundizzjonijiet u r-regoli dettaljati għar-reġistrazzjoni bħala votanti jew kandidati fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. ***L-informazzjoni għandha tiġi pprovduta fil-livell lokali u nazzjonali b'mod koordinat u, kull meta jkun possibbli,***

f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, mar-reġistrazzjoni awtomatika jew wara s-sottomissjoni ta' applikazzjoni għad-dħul fir-reġistru elettorali, filwaqt li jitqies li r-reġistri elettorali għandhom jingħalqu 14-il ġimgħa u l-kandidati għandhom jitħabbru 12-il ġimgħa qabel il-jum tal-votazzjoni sabiex l-Istati Membri jiskambjaw l-informazzjoni fil-ħin, skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1).

Emenda 39

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) informazzjoni dwar is-sistema elettorali tal-Unjoni Ewropea li tippermetti l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew u dwar ir-regoli u l-proċeduri nazzjonali rigward il-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-organizzazzjoni tagħhom;

Emenda 40

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) il-miżuri speċifiċi biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-dritt tal-vot għal gruppi partikolari ta' votanti, bħal persuni b'diżabbiltà jew votanti li ma jistgħux jipparteċipaw f'jum l-elezzjoni.

Emenda 41

Proposta għal direttiva

Artikolu 12 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet u r-regoli dettaljati għar-reġistrazzjoni bħala votant jew kandidat fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi ***pprovduta b'lingwa ċara*** u ***sempliċi***.	3. L-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet u r-regoli dettaljati għar-reġistrazzjoni bħala votant jew kandidat fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u ***kwalunkwe informazzjoni kkomunikata skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom jiġu pprovduti b'lingwa ċara u sempliċi;*** l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi ***kkomunikata bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi aċċess għal din l-informazzjoni u assistenza fil-fehim liċ-ċittadini, inkluż permezz ta' Europe Direct*** u ***Your Europe***.

Emenda 42

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet u r-regoli dettaljati għar-reġistrazzjoni bħala votant jew kandidat fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 issir aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità ***u*** għall-persuni anzjani billi jintużaw mezzi, modi u formati xierqa ta' komunikazzjoni.	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet u r-regoli dettaljati għar-reġistrazzjoni bħala votant jew kandidat fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 issir aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità***,*** għall-persuni anzjani***, għall-persuni f'żoni remoti, għall-gruppi ta' minoranza u għal dawk li jiffaċċjaw diffikultajiet biex jivvutaw b'mod ġenerali billi japplikaw ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882[1a]*** billi jintużaw mezzi, modi u formati xierqa ta' komunikazzjoni***, bħal-lingwa tas-sinjali, il-Braille jew format faċli biex jinqara***. ***L-Istati Membri jistgħu jiżguraw li l-persuni b'diżabbiltà jirċievu, fuq talba tagħhom, assistenza fil-votazzjoni minn persuna tal-għażla tagħhom.***

[1a] Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).

Emenda 43

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jgħaddu t-tagħrif meħtieġ lil xulxin għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 4, fiż-żmien li hemm bżonn qabel il-jum tal-votazzjoni. Għal dan il-għan, l-Istat Membru ta' residenza għandu jibda jipprovdi lill-Istat Membru domiċiljari l-ġabra ta' informazzjoni prevista fl-Anness III, mhux aktar tard minn ***sitt ġimgħat*** qabel l-ewwel jum tal-perjodu elettorali msemmi fl-Artikolu 10(1) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett. Skont il-liġi nazzjonali tiegħu, l-Istat Membru domiċiljari għandu jieħu l-passi xierqa biex jassigura li ċ-ċittadini tiegħu ma jivvotawx iktar minn darba u ma joħorġux bħala kandidati f'iktar minn Stat Membru wieħed.	1. L-Istati Membri għandhom jgħaddu t-tagħrif meħtieġ lil xulxin għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 4, fiż-żmien li hemm bżonn qabel il-jum tal-votazzjoni ***u b'kunsiderazzjoni xierqa għad-dati għat-tħabbir tal-kandidati u għall-għeluq tar-reġistri elettorali għall-elezzjoni***. Għal dan il-għan, l-Istat Membru ta' residenza għandu jibda jipprovdi lill-Istat Membru domiċiljari l-ġabra ta' informazzjoni prevista fl-Anness III, mhux aktar tard minn ***sittax-il ġimgħa*** qabel l-ewwel jum tal-perjodu elettorali msemmi fl-Artikolu 10(1) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett. Skont il-liġi nazzjonali tiegħu, l-Istat Membru domiċiljari għandu jieħu l-passi xierqa biex jassigura li ċ-ċittadini tiegħu ma jivvotawx iktar minn darba u ma joħorġux bħala kandidati f'iktar minn Stat Membru wieħed.

Emenda 44

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***li*** jipprevedu ***l-possibbiltajiet*** ta' votazzjoni ***minn qabel, il-votazzjoni*** bil-posta, u votazzjoni elettronika u ***fuq l-internet,*** fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għandhom	L-Istati Membri ***għandhom*** jipprevedu ***l-possibbiltà*** ta' votazzjoni ***bil-posta fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. Fil-każ ta' votazzjoni*** bil-posta, u ***fejn ikunu disponibbli għaċ-ċittadini tagħhom***

jiżguraw li dawn il-metodi ta' votazzjoni jkunu disponibbli għall-votanti tal-Unjoni taħt ***kundizzjonijiet simili għal*** dawk applikabbli għaċ-ċittadini proprji.	***possibbiltajiet ta' votazzjoni minn qabel u ta'*** votazzjoni elettronika u ***bl-internet*** fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew***, l-Istati Membri*** għandhom jiżguraw li dawn il-metodi ta' votazzjoni jkunu disponibbli għall-votanti tal-Unjoni taħt ***l-istess kundizzjonijiet bħal*** dawk applikabbli għaċ-ċittadini proprji. ***L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw l-affidabbiltà u s-segretezza tal-vot.***

Emenda 45

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità responsabbli għall-ġbir u l-għoti ta' data statistika ***rilevanti*** lill-pubbliku u lill-Kummissjoni, dwar il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni ta' nazzjonalità oħra fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.	L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità responsabbli għall-ġbir u l-għoti ta' data statistika lill-pubbliku u lill-Kummissjoni, dwar il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni ta' nazzjonalità oħra fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. ***Tali data statistika għandha tingħabar b'mod trasparenti u kkoordinat fl-Istati Membri kollha u abbażi ta' indikaturi komuni.*** ***Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar il-forma tad-data msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19.***

Emenda 46

Proposta għal direttiva
Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 16 ***Derogi***	***imħassar***

1. Jekk il-proporzjon taċ-ċittadini tal-Unjoni, li għandhom l-età tal-vot, li jirrisjedu f'xi Stat Membru imma mhumiex ċittadini tiegħu, jaqbeż l-20 % tan-numru totali taċ-ċittadini tal-Unjoni li huma ċittadini tal-Istat Membru u dawk li mhumiex, li joqogħdu f'dan l-Istat Membru u li għandhom l-età tal-vot, b'deroga mill-Artikoli 3, 9 u 10, dan l-Istat Membru jista':

(a) jirrestrinġi lil dawk il-votanti tal-Unjoni li ilhom joqogħdu f'dan l-Istat Membru għal perjodu minimu , li ma jistax jaqbeż il-ħames snin, mid-dritt tal-vot;

(b) jirrestrinġi lil dawk iċ-ċittadini tal-Unjoni li għandhom id-dritt li joħorġu bħala kandidati fl-Istat Membru fejn ilhom joqogħdu għal perjodu minimu taż-żmien, li ma jistax jaqbeż l-10 snin, minn dan id-dritt.

Dawn id-dispożizzjonijiet huma mingħajr preġudizzju għall-passi xierqa li dan l-Istat Membru jista' jieħu rigward il-kompożizzjoni tal-listi tal-kandidati u li huma maħsuba b'mod partikolari biex iħajru l-integrazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni mhux ċittadini tal-Istat Membru.

Madankollu, il-votanti tal-Unjoni u ċ-ċittadini tal-Unjoni li għandhom id-dritt joħorġu bħala kandidati imma li minħabba l-fatt li jkunu marru joqogħdu barra mill-Istat Membru domiċiljari, jew minħabba t-tul taż-żmien ta' din ir-residenza, ma jkollhomx id-dritt tal-vot jew li joħorġu bħala kandidati f'dan l-Istat Membru domiċiljari, ma għandhomx jiġu soġġetti għall-kundizzjonijiet dwar it-tul taż-żmien tar-residenza msemmija hawn fuq.

2. Fejn il-liġijiet ta' Stat Membru jippreskrivu li ċ-ċittadini ta' Stat Membru ieħor li joqogħdu fih ikollhom id-dritt li jivvotaw għall-Parlament nazzjonali ta' dan l-Istat u, għal dan il-għan, jistgħu jitniżżlu fil-lista elettorali ta' dan l-Istat bl-istess kundizzjonijiet eżatti bħal dawk

tal-votanti nazzjonali, l-ewwel Stat Membru msemmi, b'deroga minn din id-Direttiva, jista' jonqos milli japplika l-Artikoli 6 sa 13 fejn jidħlu dawn iċ-ċittadini.

3. 18-Il xahar qabel kull elezzjoni għall-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tgħaddi rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fejn tikkontrolla li d-deroga mogħtija lill-Istati Membri kkonċernati skont l-Artikolu 22(2) TFUE jkunx għad hemm bżonnha u għandha tipproponi xi aġġustamenti meħtieġa.

L-Istati Membri li jinvokaw id-derogi skont il-paragrafu 1 għandhom jagħtu t-tagħrif ta' sfond kollu meħtieġ lill-Kummissjoni.

Emenda 47

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fi żmien sitt xhur wara kull elezzjoni għall-Parlament Ewropew, l-Istati Membri għandhom jibagħtu informazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fit-territorju tagħhom. Minbarra l-osservazzjonijiet ġenerali, ir-rapport għandu jkun fih data statistika dwar il-parteċipazzjoni ta' votanti tal-Unjoni u ċittadini tal-Unjoni intitolati li joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u sommarju tal-miżuri meħuda insostenn tagħha.	1. Fi żmien sitt xhur wara kull elezzjoni għall-Parlament Ewropew, l-Istati Membri għandhom jibagħtu informazzjoni lill-Kummissjoni ***u lill-Parlament Ewropew*** dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fit-territorju tagħhom. Minbarra l-osservazzjonijiet ġenerali, ir-rapport għandu jkun fih data statistika dwar il-parteċipazzjoni ta' votanti tal-Unjoni u ċittadini tal-Unjoni intitolati li joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew***, kif imsemmi fl-Artikolu 15,*** u sommarju tal-miżuri meħuda insostenn tagħha.

Emenda 48

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi żmien sentejn wara ***l-elezzjonijiet tal-2029*** għall-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-applikazzjoni tagħha u tipproduċi rapport ta' evalwazzjoni dwar il-progress lejn il-kisba tal-objettivi li jinsabu fiha. ***L-evalwazzjoni għandha tinkludi*** wkoll ***reviżjoni*** dwar il-funzjonament tal-Artikolu 13.	Fi żmien sentejn wara ***kull elezzjoni*** għall-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-applikazzjoni tagħha u tipproduċi rapport ta' evalwazzjoni dwar il-progress lejn il-kisba tal-objettivi li jinsabu fiha. ***Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jinkludi*** wkoll ***valutazzjoni*** dwar il-funzjonament tal-Artikolu 13. ***L-evalwazzjoni għandha tkun akkumpanjata, jekk ikun xieraq, minn proposta leġiżlattiva biex tiġi emendata din id-Direttiva.***

Emenda 49

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli ***9, 10 u 13*** għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.	2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli ***9(5), 10(3) u 13(4)*** għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Emenda 50

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli ***9, 10 u 13*** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta'	3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli ***9(5), 10(3) u 13(4)*** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta'

kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.	kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Emenda 51

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Att delegat adottat skont l-Artikoli ***9, 10 u 13*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Kunsill f'perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Kunsill ikun informa lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjona. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Kunsill.	6. Att delegat adottat skont l-Artikoli ***9(5), 10(3) u 13(4)*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Kunsill f'perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Kunsill ikun informa lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjona. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Kunsill.

Emenda 52

Proposta għal direttiva
Anness I – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Nixtieq nirċievi l-informazzjoni futura kollha relatata mal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew b'waħda mil-lingwi li ġejjin:

Emenda 53

Proposta għal direttiva
Anness II – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ma ġejtx imċaħħad/imċaħħda mid-dritt li noħroġ bħala kandidat/a fl-Istat Membru domiċiljari.	Ma ġejtx imċaħħad/imċaħħda mid-dritt li noħroġ bħala kandidat/a fl-Istat Membru domiċiljari***[1a]***.
	[1a] Fil-każ biss li dan ikun meħtieġ ukoll minn ċittadini ta' Stat Membru ta'

residenza.

Emenda 54

Proposta għal direttiva
Anness II – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Nixtieq nirċievi l-informazzjoni futura kollha relatata mal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew b'waħda mil-lingwi li ġejjin:

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-istipular ta' arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini (riformulazzjoni)
Referenzi	COM(2021)0732 – C9-0021/2022 – 2021/0372(CNS)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFCO 27.1.2022
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 27.1.2022
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Domènec Ruiz Devesa 20.4.2022
Eżami fil-kumitat	27.6.2022
Data tal-adozzjoni	25.10.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 49 –: 3 0: 5
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Abir Al-Sahlani, Konstantinos Arvanitis, Pietro Bartolo, Vladimír Bilčík, Malin Björk, Vasile Blaga, Karolin Braunsberger-Reinhold, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Joachim Stanisław Brudziński, Damien Carême, Caterina Chinnici, Lena Düpont, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Sylvie Guillaume, Andrzej Halicki, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Marina Kaljurand, Fabienne Keller, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Nadine Morano, Javier Moreno Sánchez, Theresa Muigg, Maite Pagazaurtundúa, Paulo Rangel, Karlo Ressler, Birgit Sippel, Sara Skyttedal, Vincenzo Sofo, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Annalisa Tardino, Tomas Tobé, Yana Toom, Milan Uhrík, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jadwiga Wiśniewska, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Susanna Ceccardi, Gwendoline Delbos-Corfield, José Gusmão, Erik Marquardt, Matjaž Nemec, Janina Ochojska, Sira Rego, Franco Roberti, Rob Rooken, Róża Thun und Hohenstein
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Asim Ademov, Mohammed Chahim, Morten Løkkegaard

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

49	+
PPE	Asim Ademov, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Karolin Braunsberger-Reinhold, Lena Düpont, Andrzej Halicki, Jeroen Lenaers, Nadine Morano, Janina Ochojska, Paulo Rangel, Karlo Ressler, Sara Skyttedal, Tomas Tobé, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Javier Zarzalejos
S&D	Pietro Bartolo, Mohammed Chahim, Caterina Chinnici, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Theresa Muigg, Matjaž Nemec, Franco Roberti, Birgit Sippel, Elena Yoncheva
RENEW	Abir Al-Sahlani, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Moritz Körner, Morten Løkkegaard, Maite Pagazaurtundúa, Ramona Strugariu, Róża Thun und Hohenstein, Yana Toom
VERTS/ALE	Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Damien Carême, Gwendoline Delbos-Corfield, Erik Marquardt, Tineke Strik
THE LEFT	Konstantinos Arvanitis, Malin Björk, José Gusmão, Sira Rego

3	-
ID	Susanna Ceccardi, Annalisa Tardino
NI	Milan Uhrík

5	0
ECR	Joachim Stanisław Brudziński, Patryk Jaki, Rob Rooken, Vincenzo Sofo, Jadwiga Wiśniewska

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni